# LILL-ILSIEN MALTI

Tajtek żgħożiti l-aħjar demm ta' żmieni,
tajtek imħabbti bla tniġġis ta' ħtija;
fik ħabbtet qalbi meta kmieni kmieni
ħassejt fuq ġbini l-bews tal-poeżija.

Imħabba fik il-kies ta' l-għadu sqieni
tagħjir u ġlied, imġiba ta' moħqrija;
imħabba fik sa ksirtha mal-ġewwieni;
fuq wiċċi, drabi, ħammret il-mistħija.

'Ma l-lum li rbaħt biex qatt iżjed ma titlef,
berikt dad-dmugħ u ż-żmien kemm ili nbaħħar
u ħlomt xogħ'l ġdid jekk jiem is-sema jislef.

Jinxef ilsieni u jitħaddel drieghi
jekk qatt għad inħallik u mhux sa l-aħħar
inqajjem nibqa' bik ruħ Malta Tiegħi.

7—I—34

ĠORĠ PISANI